MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 687/2008

**Stephen Buttigieg (740161M), u Michael Mercieca (376064M) fil-kapacita` taghhom ta’ tezorier u President rispettivament ta’ Senglea Athletics F.C.**

**vs**

**Paolo Bonnici Limited (C4186)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Stephen Buttigieg u Michael Mercieca fil-kapacita’ taghhom ta’ tezorier u President rispettivament ta’ Senglea Athletics F.C. datat 9 ta’ Lulju 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Dikjarazzjoni tal-Fatti

Illi s-socjeta' konvenuta Paolo Bonnici Limited hija debitrici tal-atturi fl-ammont ta' tmintax-il elf ewro, sitt mija u erbgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu tal-ewro (€18,634.99) ekwivalenti ghal tmien t'elef lira maltija (Lm8,000) rapprezentanti t-total ta' diversi ammonti pattwiti bejn il-partijiet.

Illi permezz tal-**ftehim datat hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007)**, bejn l-attur Stephen Buttigieg, ghan-nom u in rapprezentanza tal-konvenuti Paolo Bonnici Limited, il-partijiet kienu ftehmu fuq l-isponsorship ghas-sena elfejn u sebgha (2007). Illi l-konvenuti kienu qablu li jhallsu l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi tal-ewro (€3494.06) ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira maltin **(Lm1500) sal-ahhar ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007) u** l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi tal-ewro (€3494.06) ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira **(Lm1500) ohra, sal-ahhar ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007).** Illi l-Club kellu jassisti lill-konvenuti Paolo Bonnici Limited, biex jintroduci ir-'Ryvita cereal bars', mat-tfal tal-iskola u n-nurseries tal-football.

Illi permezz tal-**ftehim datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007),** bejn l-istess attur Stephen Buttigieg, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Senglea Athletics, u John Mary Cardona, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess konvenuti Paolo Bonnici Limited, il-partijiet kienu ftehmu wkoll fuq sponsorship iehor ghas-sena elfejn u sebgha (2007) u elfejn u tmienja (2008). Illi l-konvenuti kienu qablu li jhallsu l-ammont ta' sitt t'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu tal-ewro (€6988.12) ekwivalenti ghal tlett elef lira maltija **(Lm3000) sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), u** erba' t'elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu tal-ewro (€4658.75) ekwivalenti ghal elfejn lira maltin **(Lm2000)** ohra **sal-ahhar ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008).**

Illi l-imsemmi ammont globali ta' tmintax-il elf ewro, sitt mija u erbgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu tal-ewro (€18, 634.99) ekwivalenti ghal tmien t'elef lira maltin (Lm8000) huwa dejn cert likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess atturi, jikkonkorru l-ekementi preskritti mill-**artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess atturi, l-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi minkejja li l-ftehim kien gja pjenament onorat da parti tal-atturi u ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex jersqu ghall-hlas ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu tal-ewro (€11,646.87) ekwivalenti ghal hamest elef lira maltin (Lm5,000) u sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu tal-ewro (€6988.12) ekwivalenti ghal tliet elef lira maltin (Lm3,000) rispettivament, anki permezz tal-ittra ufficjali skont l-**artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Numru 1494/08 u 1495/08 tal-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008),** huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

**Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri**

Illi kif diga premess, is-socjeta' konvenuta hija debitrici fl-ammont ta' tmintax il-elf ewro, sitt mija u erbgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu tal-ewro (€18, 634.99) ekwivalenti ghal tmien t'elef liri maltin (Lm8,000) tal-atturi.

Illi l-imsemmi ammont ta' tmien t'elef lira Maltin huwa dejn cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess atturi, jikonkorru l-elementi preskritt mill-**artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess atturi, l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, huma baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

B’rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-klijent.

**<u>Talbiet Attrici</u>**

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tmintax-il elf ewro, sitt mija u erbgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu tal-ewro (€18,634.99) ekwivalenti ghal tmien t’elef lira maltin (€8,000) rapprezentanti t-total ta’ diversi ammonti dovuti lis-socjeta’ attrici kif premess mis-socjeta’ konvenuta Paolo Bonnici Limited, u dan *ai termini* tal-ftehim datati hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u wiehed u ghoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sebgha rispettivament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali konteggjati mid-data tal-pagamenti rispettivi, sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2008 a fol 23 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta’ konvenuta u Dr. Gianella

Busuttil ghall-attur. Deher ukoll rapprezentant tal-istess socjeta' konvenuta. Dr. Rossignaud iddikjara li Jimmy Cardona ma kienx awtorizzat skont il-*Memorandum of Articles* tas-socjeta' ntimata li jirrapprezenta l-istess socjeta', kif ga ndika fl-atti tal-ittra ufficjali pprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata minn dan id-digriet sabiex is-socjeta' konvenuta tipprezenta r-risposta guramentata taghha u tesebixxi d-dokumenti kollha relattivi in konnessjoni ma' dak fuq verbalizzat. Il-Qorti estendiet z-zmien tal-prezentata tal-affidavits attrici b'hamsin (50) gurnata minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni provi attrici 15 ta' Jannar 2009.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Paolo Bonnici Limited datata 11 ta' Novembru 2008 a fol 24 tal-process fejn Joseph Falzon ID 239753(M) ghan-nom tal-istess socjeta' bil-gurament espona:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li John Mary *sive* Jimmy Cardona li ffirma fuq l-iskrittura tal-15 ta' Jannar 2007 u tal-21 ta' Mejju 2007 ma kienx gie debitament awtorizzat, mis-socjeta' Paolo Bonnici Limited, skont il-Memorandum and Articles tal-istess socjeta', li qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok "M & A", biex jidher f'isimha fuq l-istess skritturi.

2. Illi ghalhekk il-ftehim ma jorbotx lis-socjeta' eccipjenti.

3. Li gara kien li John Mary *sive* Jimmy Cardona, kien jidhol f'dan it-tip ta' arrangjamenti, u l-flus kienu jigu mill-*budget* allokat ghall-Advertising, mis-*supplier* barra minn Malta.

4. Ricentement pero', u partikolarment fiz-zewg kazijiet mertu tal-kawza, John Mary Cardona, la talab l-awtorizzazzjoni tas-socjeta' eccipjenti, u barra minn hekk dahal f'dawn il-'*commitments'* minghajr l-approvazzjoni ta' ditta ta' barra li kienu, f'cirkostanzi normali, jhallsu mill-Advertising Fund.

5. In fatti fil-ftehim tal-15 ta’ Jannar 2007, semma’ l-obbligu ta’ assistenza fil-promozzjoni tal-prodott Ryvita *cereal bars* li kif jidher mill-*price lists* tal-prodotti kollha tar-Ryvita markati Dok “PL1” u Dok “PL2” - dan il-prodott ma jezistix. Din ic-cirkostanza partikolari, tikkostitwixxi prova ulterjuri li John Mary Cardona kien qed jagixxi ‘de propio’ u mhux bl-awtorizazzjoni tas-socjeta’ ntimata.

6. John Mary Cardona qatt ma nforma lill-Bord tad-Diretturi ta’ Paolo Bonnici Limited b’dak li kien qed jaghmel. Kien biss meta rrizenja mill-impjieg tieghu mas-socjeta’ eccipjenti, f’Awwissu 2007, li d-Diretturi saru jafu b’dawn l-‘agreements’ li kien ghamel.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 25 sa fol 79 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Stephen Buttigieg fejn talab li jigi awtorizzat jesebixxi l-affidavit ta’ John Mary Cardona kontestwalment prezentat fl-inkartament tal-process, kif ukoll tawtorizzah sabiex jipproduci bhala xhieda godda lir-rapprezentanti ta’ Marsa Football Club, Home Econimics Centre, Skola Sajf, Zurrieq Football Club, Hamrun Spartans, Marsaxlokk F.C. u Sliema Football Club, liema xhieda rrizultaw mill-affidavit tal-istess John Mary Cardona; u l-Qorti, wara li rat ir-risposta tal-15 ta’ Jannar 2009 laqghet it-talba fic-cirkostanzi tal-kaz, skont digriet moghti fid-29 ta’ Jannar 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta’ Marzu 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta’ konvenuta. Il-Qorti nnominat Perit Legali Dr. Ian Vella Galea sabiex jirrellata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u l-kawza giet differita ghar-rapport ghat-2 ta’ Gunju 2009.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dr. Ian Vella Galea prezentat fir-registru fis-27 ta’ Frar 2012 u mahluf *seduta stante* tat-3 ta’ Mejju 2012 (fol 135).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-26 ta’ Gunju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghar-

rikorrenti li rrimetta ruhu ghall-atturi. Dr. Josette Grech imsejha diversi drabi ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012 bil-fakolta' li s-socjeta' konvenuta tipprezenta nota ta' kritika fi zmien tletin (30) gurnata minn dan id-digriet bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghan-nota responsiva.

Rat li s-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda nota ta' kritika tar-rapport peritali fit-terminu lilha moghti.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Permezz tal-kawza odjerna l-*Club* rikorrent qed jitlob li s-socjeta' intimata tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' €18,634.99 skont ftehim ta' *sponsorship* wiehed datat il-15 ta' Jannar 2007 u iehor datat il-21 ta' Mejju 2007.

Minn naha taghha, s-socjeta' intimata eccepiet li John Mary sive Jimmy Cardona, u cioe' l-persuna li ffirmat fuq l-iskritturi msemmija ghan-nom tas-socjeta' intimata, ma kienx gie debitament awtorizzat mill-istess socjeta' intimata skont il-*Memorandum and Articles* taghha sabiex jidher f'isimha fuq l-istess skritturi mertu tal-kawza odjerna.

Fil-fatt klawsola sebgha (7) tal-Memorandum tas-socjeta' intimata a fol. 64 tal-process tipprovdi li r-rapprezentazzjoni tas-socjeta' intimata hija vestita fi kwalunkwe zewg diretturi li jagixxu flimkien ghalkemm il-bord tad-diretturi jista' jinnomina persuna ohra sabiex tirrapprezenta lis-socjeta' intimata f'kaz specifiku.

L-imsemmi John Mary Cardona m'huwiex direttur tas-socjeta' intimata u ma giet prodotta l-ebda awtorizazzjoni bil-miktub li permezz taghha Cardona deher ghan-nom tal-kumpanija fuq l-iskritturi mertu tal-kawza.

Minn naha l-ohra pero', Stephen Buttigieg, it-tezorier tal-*Club* rikorrent, xehed li fil-fatt kien sar ftehim iehor bejn il-partijiet nhar it-8 ta' Novembru 2006 li kien gie ffirmat mill-imsemmi John Mary Cardona ghan-nom tas-socjeta' intimata u liema ftehim kien gie onorat mill-istess socjeta' permezz ta' zewg cheques iffirmati minn Raymond Bonnici, wiehed mid-diretturi tas-socjeta' intimata.

Dan ma giex innegat mis-socjeta' intimata u ma gietx prodotta l-ebda risoluzzjoni li permezz taghha John Mary Cardona gie awtorizzat jidher ghan-nom tas-socjeta' intimata fir-rigward ta' dan il-ftehim datat it-8 ta' Novembru 2006.

Fil-fatt l-istess John Mary Cardona kkonferma l-*isponsorship* imsemmi u xehed ukoll li kien ghamel *sponsorship agreement* iehor f'isem is-socjeta' intimata favur il-*Club* rikorrenti fis-sena 2005 li wkoll gie onorat mis-socjeta' intimata. Dan ukoll ma giex innegat mis-socjeta' intimata.

Barra minn dan il-*Club* rikorrent ressaq terzi persuni li lkoll ikkonfermaw li s-socjeta' intimata onorat diversi ftehim ta' *sponsorship* favur taghhom li kienu gew ffirmati minn John Mary Cardona, u ohrajn li saru b'mod verbali ma' l-istess John Mary Cardona, u dan ghalkemm ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub li biha l-istess John Mary Cardona kien deher ghan-nom tas-socjeta' intimata. Dawn it-terzi jinkludu zewg *clubs* tal-football, u cioe' dak tal-Marsa u tal-Hamrun, u l-progett 'Skola Sajf' tal-Ministeru tal-Edukazzjoni Zghazagh, Kultura u Sport.

Dan gie kkonfermat mill-istess John Mary Cardona li xehed illi mis-sena 2001 'l quddiem hu iffirma diversi *sponsorships* ghan-nom tas-socjeta' intimata u li dawn

gew onorati minghajr qatt ma gie infurmat mid-diretturi tas-socjeta’ intimata li kien qed jikser l-istatut tas-socjeta’.

Fil-fatt John Mary Cardona xehed illi fir-rigward tal-*isponsorships* kollha li ghamel hu qatt ma kellu u qatt ma gie infurmat li ghandu bzonn risoluzzjoni mis-socjeta’ intimata pero’ din xorta wahda onorat l-obbligi kollha minnu assunti ghan-nom taghha.

Jirrizulta li John Mary Cardona kien l-uniku persuna responsabbli mill-*advertising* tal-prodotti kollha tal-ikel tas-socjeta’ intimata u li kellu *budget* allokat ghal dan il-ghan. Dan gie kkonfermat mid-direttur tas-socjeta’ intimata Ray Bonnici li ghalkemm xehed li John Mary Cardona ma kienx awtorizzat sabiex jidher fuq l-iskritturi mertu tal-kawza odjerna pero’ fl-istess hin xehed ukoll li Cardona kien responsabbli ghall-ammonti moghtija ghar-reklamar u kellu d-disponibilita’ li jaghmel uzu mill-istess kif irid. Ray Bonnici xehed ukoll li Cardona kellu d-dritt li jidhol fi ftehim ma’ terzi u fil-fatt kien konxju li kien hemm *agreements* ma’ clubs ohra u anki li kien qed isir il-hlas da parte tas-socjeta’ intimata kemm lill-*Club* rikorrent u anke lill-*clubs* ohra.

Dan ifisser li effettivament l-istess socjeta’ kienet tat lill-istess imsemmi Cardona l-awtorizzazzjoni bhala *Sales Manager* sabiex jidhol f’dan it-tip ta’ kuntratti, kuntratti li kienu jaqghu fil-mansjonijiet ta’ Cardona bhala impjegat u rappresentant tas-socjeta’ ma’ terzi, u dan kollu sar bil-kunsens tad-diretturi tal-istess socjeta’ li wkoll irrikonoxxew l-istess ftehim u esegwew l-istess tip ta’ kuntratt kemm mal-atturi kif ukoll ma’ terzi persuni.

Ghalkemm Joseph Falzon, l-*accountant* tas-socjeta’ intimata, xehed li John Mary Cardona ma kienx awtorizzat sabiex jidher u jiffirma ghan-nom tas-socjeta’ intimata, la verbalment u anqas b’risoluzzjoni tal-bord tad-diretturi, izda fl-istess hin pero’, l-istess xhud rinfaccat bi ftehim iffirmat minn John Mary Cardona, sostna li s-socjeta’ intimata xorta kienet taffettwa l-hlas meta l-fondi jkunu disponibbli.

Jigi nnutat ukoll li fir-rigward tal-pagament tal-*isponsorships* Ray Bonnici xehed li fuq presentazzjoni tad-'*debit note*' il-hlas kien jinhareg mis-socjeta' intimata li sussegwentement kienet tircievi l-pagament relattiv mid-ditti barranin fl-ahhar tas-sena.

Dan huwa differenti minn dak li xehed Joseph Falzon fis-sens li l-hlas relattiv ma' kienx issir mis-socjeta' intimata sakemm l-istess socjeta' intimata kienet tircievi l-flus minghand id-ditti barranin, liema flus kienu jdumu anke minn disghin sa mija u hamsin jum biex jaslu.

Illi f'dan l-istat ta' provi jirrizulta li effettivament bhala *Sales Manager* John Mary Cardona kien awtorizzat li jidhol fil-ftehim mertu tal-kawza odjerna ghan-nom tas-socjeta' intimata; mhux biss izda l-istess tip ta' kuntratti kienu jigu onorati u esegwieti mis-socjeta' konvenuta; allura f'dan il-kuntest il-verzjoni tas-socjeta' intimata li ma awtorizzatx lis-*Sales Manager* taghha jikkonkludi tali tip ta' ftehim, u wkoll li ma kienitx taf bil-pattijiet mertu tal-kawza odjerna ma hijiex la wahda kredibbli, u lanqas sorretta bil-provi, tant li dawn juru l-kuntrarju ta' dak eccepiet mis-socjeta' intimata. B'hekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata qed tigi michuda.

B'konsegwenza ta' dak hawn deciz mela allura l-ftehim mertu tal-kawza jorbot lis-socjeta' intimata u ghaldaqstant anke t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata qed ukoll tigi michuda.

Is-socjeta' intimata eccepiet ukoll li l-flus allokati ghar-reklamar kienu jigu mid-ditti esteri u li John Mary Cardona deher fuq l-iskritturi mertu tal-kawza minghajr l-approvazzjoni tas-socjeta' intimata jew tad-ditti esteri.

Jirrizulta li l-flus allokati ghall-*isponsorships* moghtija mis-socjeta' intimata kienu effettivament jigu allokati lis-socjeta' intimata mid-ditti esteri pero' jibqa' l-fatt li l-iskritturi mertu tal-kawza odjerna huma bejn il-partijiet fil-kawza u ghalhekk gia la darba gie stabbilit li John Mary Cardona kien awtorizzat jirrapprezenta lis-socjeta' intimata ghall-finijiet ta' l-ghoti ta' l-*isponsorships*, is-

socjeta' intimata hija marbuta b'tali ftehim. B'hekk it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata ghandhom jigu michuda.

Illi gie eccepiet ukoll mis-socjeta' intimata li l-prodott imsemmi fl-iskrittura tal-15 ta' Jannar 2007 u cioe' *Ryvita Cereal Bars* ma jidhirx fil-*price lists* tal-prodotti tar-*Ryvita* u li dan il-prodott ma jezistiex. F'dan ir-rigward, John Mary Cardona xehed li tezisti korrispondenza li turi li jezistu r-*Ryvita Cereal Bars*, li kellu xi kampjuni ta' dan il-prodott f'idejh u li dan il-prodott jidher fuq magazine dinji jismu 'Grocer'. Cardona spjega li dan il-prodott ma kienx fuq il-*price list* tas-socjeta' intimata in kwantu kien ghadu prodott gdid u fil-fatt kien ghalhekk li nghata *sponsor* dwaru.

Din il-Qorti tinnota li l-iskrittura in kwistjoni tipprovdi li l-obbligu tal-*Club* rikorrent kien li jassisti lis-socjeta' intimata sabiex tintroduci r-*Ryvita Cereal Bars* mat-tfal tal-iskola u tan-Nursery. Cardona xehed ukoll li sa kemm dam impjegat mas-socjeta' intimata dan il-prodott ma kienx qieghed fis-suq pero' l-kampjuni kienu Malta u kienu bdew jaghmlu *marketing* taghhom. Anke hawn il-verzjoni moghtija minn Cardona hija wahda kredibbli. B'hekk il-hames eccezzjoni tas-socjeta' intimata ghandha tigi michuda.

Illi finalment is-socjeta' intimata eccepiet ukoll li John Mary Cardona qatt ma nforma lill-bord tad-diretturi tas-socjeta' intimata b'dak li kien qed jaghmel. F'dan ir-rigward Ray Bonnici spjega illi meta kienu jsiru l-pagamenti mis-socjeta' intimata hu kien jigi muri biss '*debit note*' u qatt ma kien jigi muri l-iskritturi. Dan gie kkonfermat ukoll minn Joseph Falzon li xehed li sabiex isir il-pagament mhux dejjem kien jara l-ftehim iffirmati minn John Mary Cardona u dan ghaliex kien joqghod fuq id-'debit note'. Illi ghalhekk John Mary Cardona kellu, wara kollox kif ikkonfermat mis-socjeta' intimata, certu diskrezzjoni fl-ghoti tal-*isponsorships* u s-socjeta' intimata kienet taffettwa l-hlas kif tinhareg id-*debit note* relattiv minghajr ma titlob dettalji dwar il-ftehim. Dan juri wkoll li s-socjeta' intimata kellha certu fiducja f'John Mary Cardona u kien minnha

awtorizzat li jaghmel dan it-tip ta' negozju ma' terzi ghan-nom tas-socjeta' intimata, u hekk kien hekk rappresentat bhala tali ma' terzi, nkluzi l-*Clubs* indikati fosthom dak attur fil-kawza odjerna.

Ghalhekk, in vista tas-suespost gie ppruvat li John Mary Cardona kien awtorizzat jirrapprezenta lis-socjeta' intimata fl-ghoti ta' l-*isponsorships*, u l-konsegwenza ta' dan hija li s-socjeta' intimata ma tistax issa targumenta li mhix marbuta bl-iskritturi mertu tal-kawza in kwantu ma kienetx taf b'dak li qed jaghmel ir-rapprezentant taghha. Dan ghaliex jidher li kienu saru tali transazzjonijiet b'mod regolari u l-istess kienu dejjem jigu onorati mis-socjeta' konvenuta, proprju ghaliex jirrizulta li l-imsemmi John Mary Cardona, kellhu fil-kariga tieghu mal-istess socjeta' l-awtorizzazzjoni u l-poter li jidhol f'tali tip ta' ftehim, li s-socjeta' b'mod regolari kienet tonora. B'hekk is-sitt eccezzjoni tas-socjeta' intimata ghandha tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata datata 11 ta' Novembru 2008 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-tieni talba attrici** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tmintax il-elf ewro, sitt mija u erbgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu tal-ewro (€18,634.99) ekwivalenti ghal tmien t'elef lira maltin (€8,000) rapprezentanti t-total ta' diversi ammonti dovuti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta Paolo Bonnici Limited, u dan kif indikat fir-rikors guramentat tal-atturi fil-kwalita' taghhom premessa *ai termini* tal-ftehim datati hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) rispettivament.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata Paolo Bonnici Limited.

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru 2012**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2012**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------